FRA
EUROPEAN UNION AGENCY
FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna, 24 ta' Ġunju 2020

# Ħafna Ewropej jemmnu li d-drittijiet tal-bniedem jistgħu jibnu soċjetà aktar ġusta iżda jifdal xi sfidi

**Il-biċċa l-kbira tan-nies għandhom fiduċja li d-drittijiet tal-bniedem joħolqu soċjetajiet aktar ġusti skont is-sejbiet tal-istħarriġ mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA). Madanakollu, jekk int tbati biex tlaħħaq mal-ħajja, int żagħżugħ jew vulnerabbli, spiss temmen li d-drittijiet tal-bniedem mhumiex għalik. L-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-FRA jiżvela differenzi qawwija fis-soċjetà fl-Ewropa. Dan jenfasizza l-ħtieġa li l-gvernijiet jerġgħu jgħaqqdu lill-Ewropej mad-drittijiet tal-bniedem tagħhom sabiex jiżguraw li kulħadd jibbenefika minnhom b'mod ugwali.**

*"Huwa allarmanti kemm żgħażagħ Ewropej jew dawk li jbatu biex ilaħħqu mal-ħajja jħossuhom abbandunati mid-drittijiet tal-bniedem. Id-drittijiet tal-bniedem huma għal kulħadd u ħadd ma għandu jħossu li ġie minsi,"* qal id-Direttur tal-FRA Michael O'Flaherty. *"In-numru ta' nies li jħossuhom diżappuntati mill-korruzzjoni u minn kif taħdem is-soċjetà demokratika tagħna għandu jwassal lill-pajjiżi tal-UE biex jieħdu azzjoni. Aħna lkoll għandna dmir li niżguraw li d-drittijiet tal-bniedem jagħtu benefiċċji tanġibbli lil kull wieħed u waħda minna, irrispettivament min int."*

Ir-rapport "Xi jfissru d-drittijiet fundamentali għan-nies fl-UE?" jiżvela li 88 % tal-persuni fl-UE jemmnu li d-drittijiet tal-bniedem jgħinu biex jinħolqu soċjetajiet aktar ġusti. Madanakollu, ftit li xejn hemm raġuni għall-kompjaċenza. Is-sejbiet tal-istħarriġ iqajmu wkoll kwistjonijiet importanti li jenħtieġ li jiġu indirizzati. Dawn jinkludu:

- **Benefiċċji:** 44 % tan-nies li jbatu finanzjarjament jemmnu li d-drittijiet tal-bniedem jibbenefikaw biss lil dawk li ma ħaqqhomx, bħal kriminali u terroristi. Ir-riżultati jiżvelaw kif restrizzjonijiet finanzjarji u livelli aktar baxxi tal-edukazzjoni jnaqqsu l-fiduċja tan-nies fl-ugwaljanza u fid-drittijiet tal-bniedem. Dan għandu jħeġġeġ lill-gvernijiet u lill-korpi tad-drittijiet tal-bniedem biex jagħmlu sforzi wiesgħa biex jiżguraw li d-drittijiet fundamentali jagħtu benefiċċji reali lil kulħadd.
- **Fiduċja u impenn fil-politika:** Il-maġġoranza tal-Ewropej (60 %) jaħsbu li l-partiti u l-politiċi ewlenin ma jimpurtahomx minnhom. Dan jitla' għaċ-ċifra xokkanti ta' 73 % għall-persuni li jiffaċċjaw diffikultajiet biex ilaħħqu mal-ħajja. B'paragun ma' dan, 45 % biss ta' dawk li faċilment ilaħħqu mal-ħajja jaħsbuha l-istess. Jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jsibu modi ġodda biex jilħqu lil dawk li jħossuhom "li ġew minsija", inkluż ukoll b'mod partikolari ż-żgħażagħ, biex jinvolvuhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet u jikkunsidraw il-ħtiġijiet tagħhom.
- **Indipendenza ġudizzjarja:** 27 % tar-rispondenti jemmnu li l-imħallfin mhumiex ħielsa mill-influwenza tal-gvern. Jenħtieġ li l-gvernijiet itejbu l-fiduċja pubblika fil-ġudikatura billi jissalvagwardjaw l-indipendenza tal-imħallfin. Peress li hemm differenzi nazzjonali kbar, il-pajjiżi jistgħu jitgħallmu minn xulxin biex itejbu s-sitwazzjoni
- **Korruzzjoni:** Aktar minn 60 % f'xi pajjiżi jqisu li huwa komuni li n-nies joffru pjaċiri biex iħaffu l-aċċess għall-kura tas-saħħa. Jenħtieġ li l-gvernijiet jadottaw tolleranza żero lejn il-korruzzjoni peress li din iddgħajjef il-fiduċja tal-pubbliku. Dan jinvolvi wkoll mezzi miftuħa biex il-korruzzjoni tiġi rrapportata b'mod ħieles u biex il-fondi tal-UE jinżammu fejn hemm suspett ta' korruzzjoni.

Is-sejbiet huma bbażati fuq it-tweġibiet għall-Istħarriġ dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-FRA minn 35,000 persuna fl-Istati Membri kollha tal-UE, il-Maċedonja ta' Fuq u r-Renju Unit. L-istħarriġ dam minn Jannar sa Ottubru 2019.

Il-FRA se tippreżenta r-rapport fil-Konferenza online "Id-drittijiet tal-bniedem fin-normal il-ġdid" fl-24 u fil-25 ta' Ġunju.

Dan huwa wieħed minn sensiela ta' rapporti tematiċi li jħarsu lejn il-fehmiet u l-esperjenzi tan-nies dwar id-drittijiet fundamentali.

**Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lil:** media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 653